

Brussell, 9 ta' April 2019  
(OR. en)

8089/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0294(COD)**

---

**CODEC 845  
ENER 210  
COEST 86**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali <b>(l-ewwel qari)</b> - Adozzjoni tal-att leġislattiv

---

1. Fit-8 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta<sup>1</sup> msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 194(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' April 2018<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fil-16 ta' Mejju 2018<sup>3</sup>.
4. Fl-4 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> 14204/17.

<sup>2</sup> ĠU C 262, 25.7.2018, p. 64.

<sup>3</sup> ĠU C 361, 5.10.2018, p. 72.

<sup>4</sup> 8040/19.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 58/19, bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bil-Bulgarija tastjeni.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---